**8 ta' Ottubru, 1964.**

**Imħallef:**

***Onor Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.***

**Emanuela Fava**

*versus*

*Giuseppe Fava et.*

**Eredità — Legat — Intraposta persona — Preskrizzjoni Art. 641, 649, 650, 729, Kodiċi Ċivili.**

*Kull dispożizzjoni testamentarja favur ta' persuna illi skond il-liġi hija inkapaċi illi tirċievi ma tiswiex, anke jekk tkun magħmula fisem ta' persuna interposta.*

*Il-preskrizzjoni illi l-missier, l-omm, id-dixxendenti, u żewġ jew mart il-persuna inkapaċi, skond ma jkun il-każ, jitqiesu bħala persuni interposti, hija presunzjoni "juris et de jure".*

Il-Qorti,

Omissis.

Rat il-verbal tal-10 ta' Diċembru, 1963, meta din il-kawża, in segwitu għal ri-distribuzzjoni tal-kawżi, ġiet għall-ewwel darba quddiem il-Qorti kif hawn presjeduta, u li bih id-difensur tal-attriċi u tal-intervenjent fil-kawża Dr. P. Borg Grech, u tal-konvenuti rappreżentati minn Dr. Riccardo Farrugia, qablu li l-Qorti għal mument tieqaf fuq il-punti jekk il-legat imħalli lil Carmelo Cardona, l-intervenjent fil-kawża, huwiex legat per interposta persona favur l-attriċi. u f'każ negativ, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fit-tieni paragrafu

tan-nota tal-konvenuti rappreżentati minn Dottor Riccardo Farrugia, u mnejn jidher ukoll li dak il-verbal ġie komunikat lil Avukat Dottor Carmelo Zammit kuratur tal-interdett Fava, l-ieħor;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet skambjati "hinc inde";

Ikkunsidrat fuq il-kwistjoni jekk il-legat ta' £500 imħolli mit-testatur lill-intervenjent fil-kawża huwiex kolpit min-nullità taħt l-art. 649 tal-Kodiċi Ċivili, kombinat ma l-art. 641 *stante li huwa ippruvat li hu bin l-attriċi u li din hija t-tieni mara* ta' decuius u li dan kellu l-konvenuti bħala tfal mill-ewwel żwieġ, li issottomissjonijiet magħmula mill-intervenjent fin-nota tiegħu a fol. 239, fis-sens li t-testatur ried realment jibbenefika lilu u dan bħala legat rimunetarju in vista ta' serviġi, mhuwiex legalment attendibili għaliex il-preżenzjoni stabilita mil-liġi fl-art. 650 hija presunzjoni juris et de jure, kif tajjeb issottometta l-perit legali a fol. 91 u 110 tal-proċess;

Illi n-natura assoluta ta' din il-presenzjoni jirriżulta b'mod ċar mill-konfront tal-art. 650 u 729 tal-Kodiċi rispekkjanti l-art. 773 u 832 tal-Kodiċi Taljan tal-1865 mil-liema konfront jirriżulta li mentri fil-każ tal-persuna presunta interposta mil-liġi stess bħalma hu l-intervenjent f'dan il-każ mhiex ammessa l-prova li t-testatur ried realment jibbenefika lilha stess u mhux lill-persuna inkapaċi (l-attriċi), fil-każ ta' persuni interposti oħrajn, imma li mhumiex hekk presunti mil-liġi interpożizzjoni trid tiġi dejjem dimostrata;

Illi l-premessa konsiderazzjoni hija kkonfermata mill-komment ta' Ricci Vol. III, para. 150;

Illi l-argumenti ta' l-attriċi dwar l-assenza ta' simulazzjoni mhumiex rilevanti għax fil-liġi tagħna, a differenza mill-art. 773 tal-Kodiċi Taljan fuq imsemmi s-simulazzjoni m'għandha

ebda rilevanza f'dan il-kontest (ara wkoll Ricci op. cit. para. 149).

Illi minhabba din id-dikjarazzjoni tan-nullità ma hemmx lok li tiġi invertita l-kwistjoni subordinata *tal-preskrizzjoni;*

Għal dawn r-raġunijiet il-Qorti tiddikjara l-legat ta' £500 mħolli mit-testatur lill-intervenjent fil-kawża null u priv minn kwalunkwe effett legali bħala legat magħmul lill-persuna inkapaċi permezz ta' persuna interposta u dana skond l-art. 641, 649 u 650 tal-Kodiċi Ċivili.